iNEWS MALTA






# Dr Ian Borg iżur iċ-Ċentru għall-Kontroll tat-Traffiku

**Nov 09, 2017 15:35** **Miktub minn iNews**



Photo - DOI - Reuben Piscopo

Il-Ministru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali żar iċ-Ċentru għall-Kontroll tat-Traffiku, f'Raħal Ġdid. Dan iċ-ċentru mwaqqaf minn Transport Malta beda jitħaddem bit-*team* komplet tal-uffiċjali mill-25 ta' Settembru li għadda bil-mira li minn Jannar li ġej jibda jopera fuq bażi 24/7 minn Jannar li ġej.

Il-Ministru saħaq li ċentru bħal dan huwa għodda essenzjali biex l-awtoritajiet ikunu jistgħu jikkontrollaw it-traffiku u jieħdu rendikont tajjeb fuq is-sitwazzjoni tat-traffiku fiż-żoni ta' pajjiżna. Iċ-ċentru jitħaddem flimkien ma' għodda oħra li jgħinu lis-sewwieqa fit-toroq tagħna. Fosthom wieħed jista' jsemmi l-*cameras* f'uħud mill-*junctions* prinċipali, sistemi tad-dawl tat-traffiku intelliġenti u tabelli elettroniċi. Dr Borg qal li n-numru ta' *cameras* li jinsabu mwaħħlin preżentament huwa ta' 27, iżda din iċ-ċifra hija maħsuba biex tiġi irduppjata fiż-żmien li ġej.

Miċ-Ċentru, numru t'uffiċjali qegħdin josservaw dak li qed jiġri fit-toroq, waqt li jkunu f'kuntatt kontinwu mal-uffiċjali ta' Transport Malta stazzjonati fit-toroq, kif ukoll mal-Pulizija u l-LESA. Minn hawn, permezz tar-radju jagħtu indikazzjonijiet lill-uffiċjali fit-triq biex jintervjenu meta jkun hemm xi problema ta' konġestjoni jew jekk tiġi antiċipata problema bħal din.

Dawn l-uffiċjali jkunu l-ewwel li jibgħatu għall-Pulizija u t-trakkijiet tal-irmonk, f'każ ta' inċident, biex kemm jista' jkun jonqos id-dewmien. Huwa hawnhekk ukoll li l-uffiċjali jirċievu t-telefonati b'talbiet għas-servizz ta' rmunkar ta' emerġenza u jiggwidaw it-trakkijiet biex ineħħu vetturi li jkunu qed jimblukkaw it-triq kemm jista' jkun malajr. In-numru medju ta' talbiet għal dan is-servizz huwa ta' 10 kuljum.

L-uffiċjali taċ-Ċentru għandhom ukoll il-faċilità li jbiddlu l-messaġġi li jidhru fuq it-tabelli elettroniċi. Il-messaġġi jigwidaw lis-sewwieqa biex jieħdu rotta alternattiva, jew jinfurmawhom b'xi inċident jew periklu fit-triq quddiemhom. L-uffiċjali jużaw u jgħinu biex titħaddem l-*app Maltese Roads Traffic Updates*. Huma jaraw ir-rapporti li jidħlu permezz tal-*app*, biex fejn jistgħu jieħdu azzjoni u jkollhom idea aħjar ta' punti problematiċi, iżidu l-informazzjoni fuq il-mappa biex is-sewwieqa jippjanaw ir-rotta tagħhom aħjar u f'xi każijiet jibagħtu notifika permezz tal-*app*.

Minn dan iċ-ċentru, l-uffiċjali tagħna wkoll jaġġornaw paġna fuq is-sit elettroniku ta' Transport Malta biex preżentaturi tar-radju jgħaddu l-informazzjoni aġġornata mill-ewwel lis-semmiegħa tagħhom u b'hekk jgħinuhom ifasslu r-rotta tagħhom aħjar jew jevitaw xi triq fejn ikun possibbli.

Dr Borg saħaq li Transport Malta saħħet konsiderevolment it-taqsima tal-infurzar tagħha. Saħansitra waqqfet taqsima bil-muturi biex l-uffiċjali jintervjenu bl-iktar mod rapidu meta jinqala' l-bżonn. Huwaħabbar li fil-ġimgħat li ġejjin l-uffiċjali se jkunu mgħammra b'*body cams* u l-vetturi tagħhom b'*dash cams* b'link ħin reali maċ-Ċentru għall-Kontroll biex minbarra l-*cameras* fissi, ċ-Ċentru għall-Kontroll ikollu wkoll *cameras* mobbli. Ta' min wieħed isemmi li Transport Malta qed tikkopera bis-sħiħ mal-Kummissarju għall-Protezzjoni tad-Data u ssegwi l-linji gwida tal-uffiċċju tiegħu biex tassigura li d-drittijiet għall-privatezza tal-individwi jkunu rispettati.

Iċ-Ċentru għall-Kontroll sar bħala parti mill-proġett Modus I, proġett kofinanzjat mill-Fondi Reġjonali Ewropej.  Madanakollu l-Ministeru ma waqafx hawn u l-Ministru qal li għaddejjin ġmielhom il-preparamenti fuq il-proġett Modus II.  Permezz ta' dan it-tieni proġett, Transport Malta se twaħħal ħafna iktar *cameras* biex l-uffiċjali jkollhom stampa iktar wiesa' ta' dak li qed jiġri fit-toroq.  L-Awtorità se tibni ċ-Ċentru għall-Kontroll il-ġdid fil-bini tagħha f'Sa Maison, fejn ġew approvati l-permessi mill-Awtorità tal-Ippjanar u l-apparat mistenni jibda jiġi nstallat matul is-sena d-dieħla.  Dan iċ-ċentru l-ġdid ser ikun qiegħed jitħaddem maċ-ċentru preżenti fejn dan tal-aħħar ħa jkun qiegħed jintuża biex l-uffiċjali janalizzaw il-materjal irrekordjat mill-*cameras* biex jieħdu l-azzjoni li jkun hemm bżonn u jistudjaw il-mixja tat-traffiku għal raġunijiet ta' ppjanar u mmaniġġjar aħjar tat-traffiku. Il-Ministru tenna li b'hekk pajjiżna jkun qed jagħmel użu b'mod sħiħ mill-investiment f'dawn iż-żewġ ċentri.

Il-Ministru fakkar dwar l-importanza li nużaw it-toroq bl-aktar mod responsabbli u b'konsiderazzjoni għall-utenti l-oħrajn, favur aktar effiċjenza u fuq kollox sigurtà.  Dr Borg għalaq billi fiehem kif dawn iċ-ċentri huma ħolqa importanti f'katina ta' proċessi li huma għaddejjin fit-toroq tagħna għall-immaniġġjar tat-traffiku, minn xogħlijiet tat-toroq żgħar għal proġetti akbar ta' titjib fl-infrastruttura tat-toroq li l-Ministeru wettaq u ser ikun qed iwettaq fis-snin li ġejjin.

## Simili



FILMAT: Jingħata bidu għall-proġett fil-Marsa... jibdew jitwaqqgħu l-fabbriki



Żagħżugħ ħati ta' serqa minn confectionery



Il-mara maqfula f'kamra taħt l-art toħroġ mill-Isptar

Midja Soċjali: